MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 95/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Paul Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Borg:

Talli fit-23 ta' Mejju 2000 u fix-xhur ta' qabel din id-data f'Malta, xjentement laqa' ghandu jew xtara diversi stereos tal-karozzi misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Liema stereos gejjin minn serq li huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma’ jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000);

Talli fl-20 ta’ Mejju, 2000 u fil-granet ta’ qabel din id-data minghajr ma’ kien awtorizzat ghaldaqshekk mill-Ministru responsabbli ghall-finanzi, taht ebda titolu jew b’ebda mod, ghamilha ta’ ricevitur ta’ gugati tal-lottu;

Talli fl-istess data hin, lok u cirkostanzi, ghamel lottu klandestin, ikun li jkun il-mod li bih u l-isem li tahtu sar, jew gabar il-flus tal-gugati fuqu, u/jew b’xi mod li jkun ghin jew hajjar f’daqshekk;

Talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, kellu pussess mhux awtorizzat ta’ zewg kotba bil-biljetti tal-lottu bil-mohbi;

Fuq talba tal-Kontollur tad-Dwana kif ukoll tad-Direttur tad-Dipartiment tal-VAT, talli fit-23 ta' April, 2000 fil-fond 'Saddles Bar', Triq Blue Grotto, Zurrieq, gie misjub li kellu depozitat ghandu zewgt ifliexken Vodka tal-litru tal-marka 'Smirnoff' u dan bi hsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazju li jkun imissu jithallas u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni u/jew filli b'xi mod jiddisponi minn dan l-oggett. Liema xorb ghandu valur ta' Lm2.80 dazju tal-importazzjoni Lm0.22,7 u dazju tas-Sisa ta' Lm8.40, liema dazju ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta’ Marzu 2004 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-appellant (allura imputat) sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u ikkundannatu ghall-multa ta’ elfejn, hames mija u tmienja w erbghin lira (Lm2548) filwaqt li ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni, illiberatu bil-kundizzjoni li huwa ma’ jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mid-data tas-sentenza, u ordnat il-konfiska ta' l-oggetti kollha maqbuda;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-Avukat Generali ipprezentat fl-14 ta' April 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien

ta' htija u l-multa inflitta izda tirrevoka l-liberazzjoni b'kundizzjoni li l-appellat ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn u minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dott. Franco Debono ghall-appellant u ta' Dott. Anthony Barbara ghall-appellat;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali jirrigwarda l-piena. Huwa jghid li minkejja li fost l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat hemm dik ta' evazjoni ta' dazju, l-ewwel Qorti ma imponietx piena karcerarja izda applikat il-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant isostni li fejn hemm xorb skond l-artikolu 62 u l-Iskeda tal-Kap. 37 il-piena karcerarja hija tassattiva. Inoltre skond l-artikolu 87 ta' l-istess Kap. 37, probation hi eskluza. Konsegwentement fil-konfront ta' l-appellat kellha tigi imposta piena karcerarja.
Din il-Qorti tghid bla ebda ezitazzjoni li l-appellant ghandu ragun meta jghid li f'kaz ta' evazjoni ta' dazju fuq xorb hemm piena karcerarja tassattiva. Il-paragrafu (a) tal-*proviso* ta' l-artikolu 62 tal-Kap. 37 jghid testwalment:

**"meta l-oggetti li dwarhom ikunu saru procedimenti kontra l-hati ikunu xi oggetti minn dawk murija fl-Iskeda li tinsab ma' din l-Ordinanza l-piena ta' prigunerija hawnhekk preskritta ghandha tapplika f'kull kaz".**

L-Iskeda annessa ma' l-Ordinanza tad-Dwana tinkludi fost tali oggetti "Inbejjed u spirti". Barra minn hekk l-artikolu 87 ta' l-istess Ordinanza jeskludi kemm l-applikabilita` ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Att dwar il-*Probation*:

**"Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali u ta' l-Att dwar il-*Probation* ma japplikaw ghal ebda reat kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-**

**Ordinanza jew ta' xi regolamenti maghmula bis-sahha taghha".**

Irid jigi osservat pero` li l-ewwel Qorti lliberat lill-appellat taht kundizzjoni skond l-artikolu 22 tal-Kap. 446 in konnessjoni ma' l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni biss, filwaqt li dwar l-imputazzjonijiet l-ohra kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' Lm2,548. Ghalhekk m'hemm l-ebda raguni li ghaliha din il-Qorti ghandha ghalfejn tvarja dik id-decizjoni. Izda stante li reati taht l-Ordinanza tad-Dwana kif suindikati jgorru maghhom kemm piena pekunjarja kif ukoll piena karcerarja (liema piena ta' prigunerija m'ghandhiex tkun ta' izjed minn sentejn) b'zieda ma' dak li ddecidiet l-ewwel Qorti din il-Qorti se timponi wkoll piena karcerarja.

Gie suggerit mill-abbli difensur ta' l-appellat li din il-Qorti tikkunsidra li kemm-il darba din il-Qorti taghti sentenza ta' prigunerija, din tkun sospiza. Il-Qorti mhijiex prekluza li taghmel dan. L-ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha dehrilha li *"piena karcerarja ma tkunx idoneja ghall-akkadut, u tara illi jkun ferm aktar ta' beneficcju ghall-imputat jekk dan jinghata l-ahhar opportunita` sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba"*. Din il-Qorti ezaminat il-fedina penali aggornata ta' l-appellat li, ghalkemm turi diversi infrazzjonijiet, mhumiex tali li, bhal ma ukoll dehrilha l-ewwel Qorti, jisthoqq li l-appellat jinghata piena ta' prigunerija immedjatament effettiva.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li, filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta' htija, il-multa ta' Lm2,548 inflitta u, ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni, il-liberazzjoni kondizzjonata skond l-artikolu 22 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta' sentejn b'effett millum, tikkundanna wkoll lill-appellant ghal sebat ijiem prigunerija b'dan illi, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 is-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' xahar millum l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Din il-Qorti fissret lill-appellant bi kliem car illi jekk jaghmel reat iehor matul il-perijodu tal-liberazzjoni kondizzjonata jkun jista' jigi kkundannat ghar-reat originali. Inoltre spjegat ukoll lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------